MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-18 ta' April, 2008

Talba Numru. 1494/2004

**Grezzju Axiaq**

**vs**

**Joseph Cassar Aveta u b'digriet tas-26 ta' April, 2005 giet ordnata l-kjamati in kawza tas-socjetajiet Euro Imports Limited u Euro Export Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tlett elef, mitejn, tmienja u sittin Ewro u sitta u tmenin centezmi (€3,268.86) ekwivalenti ghal Lm1403.32, rapprezentanti xoghol ta' ikel tal-friza mibjugh u kkunsinjat lilu minn Lulju, 2003 sa l-14 t' Ottubru, 2003.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta`l-ittra uficcjali pprezentata fl-20 ta' April, 2004 u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' l-avviz sad-data tal-hlas eventwali, ilkoll kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn issolleva illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-konvenut m'huwiex il-legittimu kuntradittur stante li kull relazzjoni li kellu ma' l-attur kienet fil-kwalita' tieghu ta' direttur tas-socjeta' Euro Imports Limited u Euro Exports Limited li ghal tali fini jintalab li jigu kjamati in kawza.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti tal-kawza.

Ra u sema' x-xhieda ta' Astrid Farrugia, Grezzju Axiaq, kif ukoll ra l-affidavits u sema' x-xhieda ta' Grezzju Axiaq, Stephen Axiaq, Jean Pierre Axiaq u Brian Pulis.

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet.

IKKUNSIDRA

Illi din il-kawza titratta dwar hlas ta' prodotti mibjugha lill-konvenut Joseph Cassar Aveta, liema talba giet michuda stante illi l-konvenut ssolleva illi huwa mhuwiex il-legittimu kuntradittur fil-kawza u ntalab il-kjamati in kawza taz-zewg socjetajiet Euro Imports Limited u Euro Exports Limited. Din it-talba giet akkordata mit-Tribunal fil-25 t' April, 2005.

Mill-provi migjuba jidher car illi l-bejgh tal-prodotti kien sar mill-attur izda jidher illi l-fatturi hargu kollha fuq isem Euro Exports u ghalkemm l-attur kien jiddilja personalment ma` l-konvenut, il-konvenut kien qieghed jagixxi ghan-nom u in rapprezentanza ta' zewg socjetajiet ohra.

Illi mill-provi prodotti jidher car illi l-attur kien qed jaghmel negozju ma' l-Euro Exports Limited, socjeta' li taghha d-diretturi huma l-konvenut u martu Roberta. Illi ghalkemm il-konjugi Cassar Aveta kienu rrizenjaw mis-socjeta' Euro Imports Limited f'Jannar ta' l-2004 huma baqghu direttur fis-socjeta' Euro Exports. Illi ghal tul zmien deher illi kien hemm problemi dwar in-notifika tas-socjetajiet kjamati in kawza u fit-22 ta' Gunju, 2007 it-Tribunal akkolja talba mill-atturi sabiex jigu notifikati d-Diretturi tas-socjeta' Euro

Exports fl-Awla izda mill-atti jidher li dan baqa' ma sehhx minkejja l-fatt illi l-konjugi Cassar Aveta kienu dejjem prezenti ghas-seduti. Illi fis-seduta tat-22 ta' Gunju, 2007, l-attur iddikjara illi d-diretturi tas-socjeta' Euro Imports Ltd kienu rrizenjaw jidher illi fil-mori tal-kawza jrrinunzja tacitament ghal kjamata in kawza tas-socjeta' Euro Imports.

Illi l-hlas lill-attur baqa' dovut. Huwa minnu illi kif xehed l-attur kif ukoll l-impjegati l-ohra, illi Cassar Aveta kien jmur ghand l-attur izda huwa minnu ukoll illi kull fattura mahruga mill-atturi kienet f'isem Euro Export u mhux f'isem Joseph Cassar Aveta. Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi l-konvenut Joseph Cassar Aveta ma kienx jixtri ghalih u f'ismu izda ghan-nom ta' socjeta' terza. Illi l-attur inghata diversi opportunaijiet sabiex il-kjamati in kawza jigu notifikati u jisimghu l-provi taghhom. Illi l-attur kien sahansitra inghata l-fakolta' mit-Tribunal li jinnotifika lis-socjeta' Euro Exports Ltd fl-Awla peress illi l-konvenuti kienu dejjem prezenti ghas-seduti. L-attur ghazel illi ma jinsistix li tigi notifikata s-socjeta` Euro Exports Limited u ddikjaraw li ghalqu l-provi u ttrattaw il-kawza.

Ghar-ragunijiet fuq imsemmija it-Tribunal jiddikjara illi l-konvenut Joseph Cassar Aveta ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Fil-konfront tal-kjamati in kawza peress illi kien hemm rinunzja da parti mill-attur li jinnotifika lill-Euro Imports Limited u ghalkemm l-attur wera l-intenzjoni li jkompli bit-tentattivi sabiex jinnotifika s-socjeta' Euro Exports Limited bl-atti tal-kawza, is-socjeta' Euro Exports Limited baqghet ma gietx notifikata u nghalqu l-provi ta' l-attur l-partijiet trattaw il-kawza.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici, fil-waqt illi jillibera lill-konvenut Joseph Cassar Aveta mill-osservanza tal-gudizzju.

Spejjez a karigu ta` l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------